# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru 2020

**Rikors Numru : 38/2020 JPG**

**Kawza Numru : 6**

**HG**

**Vs**

**KG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' HG datat 31 ta' Jannar 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewwġu nhar is-sebgħa (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u wieħed (2001).*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ twieldet tifla, bl-isem ta' MG, X u li llum għandha X-il sena.*

3. *Illi r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma sodisfatti stante:*

   i. *Illi l-partijiet huma de iure separati in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat tletin (30) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) in atti tan-Nutar Dr Dorianne Arapa (ara kuntratt hawn anness u immarkat Dok HG1)*

   ii. *Illi ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li , llum il-ġurnata, qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin.*

iii. *Illi ai termini tal-klawsola numru ħamsa (5) tal-imsemmi kuntratt, il-partijiet irrinunzjaw għall-obbligu tal-manteniment reċiproku, u għalhekk, l-ebda manteniment ma huwa dovut f'dan ir-rigward.*

iv. *Illi r-rikorrent dejjem ta l-manteniment dovut lil bintu skont il-liġi u l-kuntratt ta' separazzjoni (klawsola għaxra (10) u għadu jagħmel dan fil-konfront ta' MG illi għadha qed tistudja.*

4 *Illi għall-finijiet tal-Artikolu 66 N(1)(a) u (b) qiegħed jiġi rilevat li l-partijiet huma domiċiljati f'Malta u għandhom ir-residenza tagħhom f'Malta.*

5 *Illi l-mara tixtieq li tirreverti lura għall-kunjomha ta' xebba u ċioe V u dan ai termini tal-artikolu 62 tal-Kap 16.*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost, ir-rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66 A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

i. *Tippronunzzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċelebrat bejn il-partijiet fis-sebgħa (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u wieħed (2001).*

ii. *Tilqa t-talba tar-rikorrenti sabiex hija tirreverti għal kunjom xebba Valente*

iii. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' **KG** datata 12 ta' Marzu 2020 a fol 12, li taqra hekk:

1. *Illi l-intimat jaqbel mat-talbiet tar-rikorrenti u ċioe li dina l-Onorabbli Qorti*

*tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u dana ai termini ta' artikolu 66 B, 66 C u kif ukoll artikolu 66 N (1) (a) u (b) tal-Kap 16 tal-Liġijeit ta' Malta;*

2. *Illi l-uniku eċċezzjoni li l-intimat għandu x'jissoleva hija illi huwa ma għandux ibati l-ispejjeż tar-rikorrenti ta' dawn l-odjerni proċeduri;*

3. *Illi in oltre, l-istess intimat qiegħed jippreżenta l-affidavit tiegħu li jinsab hawn esebit u mmarkat bħala Dok KG 1;*

4. *Illi għar-raġunijiet suesposti, l-intimat jirrimetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti għat-talbiet kollha tar-rikorrenti.*

Semghet ix-xhieda bil-proċedura tal-affidavit;

Rat id–dokumenti eżebiti u l-atti kollha tal-kawża;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**KG** xehed (vide affidavit dok KG1 a fol 13) illi huwa iżżewweġ lil martu fis-sebgħa ta' Settembru 2001 u minn dan iż-żwieġ twieldet tifla, li għadha minorenni. Bdew jinqalgħu il-problemi fiż-żwieġ, u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fit-30 ta' Lulju 2015. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni u li ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment.

**HG** xehdet (vide affidavit a fol 21 ) u ikkonfermat u ikkoraborat dak li xehed **KG.**

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfaċentement pprovat illi l-partijiet kienu żżewġu nhar is-7 ta' Settembru 2001 (Vide Dok A fol 19) u li minn dan iż-żwieġ huma kellhom tifla, li għadha minorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa, datat 30 ta' Lulju 2015 (vide Dok. HG 1, fol 4 et seqq.) u għalhekk jirriżulta illi ilhom legalment separati għal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-Liġi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx arretrati ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirriżulta suffiċjentement ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirriżulta illi l-attriċi irnexxilha tissodisfa ir-rekwiżiti kollha meħtiega mill-Liġi sabiex ż-żwieġ jiġi maħlul.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien xahar mill-llum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku u tawtorizza lil attriċi HG sabiex tirreverti lura ghal kunjom xbubitha u cioe V u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**